Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 – Il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi talab sabiex flimkien ningħaqdu mal-kollega l-kunsilliera Karen Xuereb fit-telfa tal-għaziz missierha u wera s-sogħba tiegħu u ta' sħabu f'dawn il-mument diffiċli. Il-Kunsilliera Karen minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill għas-sapport li wera magħha f'dawn il-mumenti hekk iebsa.

3.2 Is-Sindku Franco Ciangura referra għal-laqgħa li kellu dalgħodu mal-Inġinier Joseph Azzopardi, mal-kuntrattur Silvio Buttigieg u l-Project Manager Mark Attard rigward il-problema tal-funtana tal-pjazza tad-Dehra peress li dakinhar tal-inawgurazzjoni faret u waqfet taħdem. Jidher li l-problema hija li hemm *leakage* qawwi x'imkien. Huwa semma' li waqt il-laqgħa qed jirriżulta li x'aktarx li ġiet identifikata l-area fejn hemm il-leakage u nhar it-Tnejn ser jiltaqgħu l-partijiet kollha biex jagħmlu l-intervent u tissewwa'. Is-Sindku rrefera għal fatt li wara li dakinhar tal-opening il-funtana faret u ma baqgħetx taħdem, huwa bgħat email lil dawk kollha responsabbli u ser iwaqqaf il-pagamenti kollha pendenti qabel ma tissolva l-problema u tissewwa. Is-Sindku rrefera wkoll għall-problema

tal-ispiera peress li jinħtieġ li titnaddaf għax fiha l-ħama. L-ilma qiegħed ikun il-ħin kollu ġej u huwa mportanti li titnaddaf. Sar qbil li għandna nippruvaw b'Michael Refalo (Tlittu) biex titnaddaf, titniżżel il-pompa u tibda titħaddem l-irrigation.

3.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-possibilita' li jsir Beer Festival fiz-Zewwieqa bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda tal-Armar. Bħala dati tentattivi ser ikun nhar it- 2 u3 ta' Settembru. Huwa semma' li l-kumpanija tal-birra Farsons wera nteress kbir li ssir ż-Żewwieqa u li jkun replika ta' dak li jsir Malta. Is-Sindku semma' li waqt il-laqgħa ma daħlux fuq loġistika għalissa iżda fuq il-kunċett għalissa. Għal Farsons ma kienx għadu maħsub fil-budget tagħhom għal din is-sena iżda ser jaghmlu l-almu taghhom biex jirrangaw. Il-Viċi Sindku talab sabiex inressqu t-talba li l-banda San Gużepp tagħmel kunċert tagħha f'din l-okkażżjoni.

3.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu ma' Pierre Balzan tal-Yacth Marina. Huwa nfurmahom bil-possibilita' ta' din l-attivita u s-Sur Balzan qallu li huma lesti li jhallsu parti minn din l-attivita'.

3.5 Is-Sindku rrefera għall-ittri li ntagħtu mid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex inbattlu l-ponds minħabba r-riskju tal-infezzjoni minn nemusa 'zika'. Huwa semma' li l-Kunsill ma kellux għażla oħra għajr li jbattal il-ponds kollha.

3.6 Ġiet trattata l-email mingħand is-Sindku ta' Tolfa Luigi Landi rigward il-grupp li ser jinġab għall-festa t'Għajnsielem sabiex inkunu nistgħu nqassmulhom l-akkomodazzjoni. Sar qbil li għandna niktbulu email uffiċjali fejn nifirħulu tal-ħatra tiegħu mill-ġdid bħala Sindku. Sar qbil ukoll nitolbuh jekk jistgħux iġibu lil kantanta minn Tolfa li rebħet "Voices" biex tagħti kunċert f'Għajnsielemfest.

3.7 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għar-rigal ta' arma tal-Kunsill magħmul u mogħti mir-residenta Għajnselmiża Miriam Buttigieg. Il-Kunsill apprezza dan ir-rigal.

3.8 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Clint Camillieri ta' Transport Malta fejn ikkonferma li t-talba tal-Kunsill sabiex ir-rotta 303 tibda tgħaddi minn Triq Hamri ntlaqgħat u dan is-servizz ser jibda jingħata minn nhar il-Hadd 12 ta' Ġunju.

3.9 Is-Sindku rrefera għar-road sign li tpoġġiet fin-nofs ta' Triq li tagħti minn Triq l-Imġarr għall-Triq il-Ġnien. Huwa semma li din tpoġġiet mir-Roads Department u ġiet perikoluża ħafna tant li mall-ewwel laqtet daqqa ta' karozza u tqaċċtet. Sar qbil li għandna ninformaw lid-Direttur li ma konniex aħna li qlajnieha iżda mhix qegħda f'post tajjeb.

3.10 Is-Sindku rrefera għall-email mibgħuta mill-President Pierre Balzan tal-Yacth Marina. Fl-email tiegħu dan talab sabiex fiż-Żewwieqa jiżdiedu aktar tabelli addattati għaż-żona.

3.11 Is-Sindku rrefera wkoll għall-email mingħand is-Sur Bernard Attard rigward id-decking li ser isir fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Is-Sindku spjegalu x'ser isir. Huwa fehem x'ser isir u deher kuntent.

3.12 Ġiet trattata l-email mingħand Jennifer Cauchi f'isem iċ-Ċentru Sant'Antnin rigward l-attivitajiet u korsijiet fis-sajf li ser jorganizza l-istess Ċentru. Sar qbil li l-Kunsill għandu jħallas l-ispejjes ta' xi kors minnhom.

3.13 Ġiet trattata l-Email mingħand Smart Light Ltd fejn irrakkomandaw sabiex issir software upgrade lill-pedestrian lighting ta' ħdejn il-knisja u tinbidel is-sign f'verzjoni ġdida għall-prezz totali ta' €224.20. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi ma' dan.

3.14 Waqt il-laqgħa kien preżenti iben Joe Galea (ir-Rexy) fejn miegħu ġiet diskussa il-ħtieġa ta' trinka sabiex issir lampa ġdida fi Triq il-Brieghen. Huwa fehem li l-Kunsill jixtieq jagħti l-għajnuna tiegħu iżda minħabba li l-ispiża hija kbira jinħtieġ li tinsab soluzzjoni. Minn naħa tiegħu, s-Sur Galea ha jiċċekja jekk il-cable li kienu għaddew huma biex ikollhom id-dawl jistax jintuża biex tixgħel il-lampa l-ġdida. Il-Kunsill lest l jagħmel il-lampa. Is-Sur Galea qal li l-cable għaddewh ġo katusa, u staqsejnih hemmx wisgħa li jgħaddi cable ieħor miegħu biex tiġi evitata l-ispiża ta' trinka oħra addizzjonali. Huwa ser jiċċekja u jerġa lura għand il-Kunsill bl-informazzjoni.

**4.0 Wara l-Inawgurazzjoni tal-Pjazza tad-Dehra**

4.1 Is-Sindku rrefera għall-inawgurazzjoni tal-Pjazza tad-Dehra u ddeskriva l-attivita' bħala attivita' ħelwa u li n-nies attendew għaliha b'konkorrenza. Il-Kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar kemm ġiet l-ispiża tal-Sbandieratori di Noto. Is-Segretarja tat randikont u rriżulta li ser jigu jiswew mal-€2500. Huwa semma' li kienu sbieħ iżda kien ta' min qabel ma jġibhom jara jekk kienx hemm xi ħaġa bi prezz anqas. Is-Sindku rrefera għal fatt li minħabba li kien ir-riħ l-ispettaklu ma setax isir komplut. Is-Sindku semma' wkoll li bħala banda xorta tiġik mal-€1000 u fl-istess hin dan kien spettaklu differenti li gawdiet minnu l-lokalita' kollha. Huwa rrefera wkoll għal fatt li nkludejna lill-Kunsill ta' San Pawl il-Bahar biex saret parata hemm u b'hekk taffejna xi ftit mill-ispejjes billi huma ħallsulhom l-ikel u transport għall-parti ta' dik il-ġurnata. Is-Sindku ssuġġerixxa biex għal darb'oħra, ikun aktar għaqli li l-Kunsill jinnegozja direttament mal-Kunsill tal-post mnejn ikun ġejjin u mhux mall-grupp innifsu għax il-kuntatt jintilef.

4.2 Il-Vici Sindku staqsa jekk Charlie Zammit hux ser jitħallas tal-organizazzjoni tal-Sbandieratori. Is-Sindku spjega kif is-Sur Zammit mar għalihom l-airport bil-lejl u kien hu l-akkumpanjahom il-ħin kollu peress li ħadd mill-kunsilliera ma kien disponibbli. Il-Kunsill qabel li għandu jħallsu tax-xogħol li għamel.

## 5.0 Rapport ta' sena ta' ħidma

5.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa żamm ma' xi żgħażagħ mil-lokal li offrew l-għajnuna fil-ktejjeb ta' rapport ta' sena ta' ħidma tal-Kunsill. Huwa semma' li dehru nteressati ħafna u wkoll ser jaħdmu flimkien biex jagħmlu leaflet informattiv fuq Għajnsielem.

## 6.0 Għajnsielemfest

6.1 Bħala programm ta' Għajnsielemfest sar qbil li għandhom isiru serati li jinkludu l-Band "The Capitals" u wkoll serata ta' talent lokali. Sar qbil li għas-serata ta' talent lokali kull kantant ikun jista jkanta kanzunetta waħda biss.

6.2 Sar qbil li l-Ġimgħa għandu jsir il-BBQ tradizzjonali ta' Fuq il-Għajn. Il-Viċi Sindku propona li bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill jgħin fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' speċjalment din is-sena li l-ġbir ser imur għall-bust ta' Dun Karm Cassar.

6.3 Sar qbil ukoll li għandna nikkuntatjaw lill-kantanta taljana minn Tolfa li rebħet il-Voice of Italy u naraw tiġix tagħmel kunċert hawn.

## 7.0 Il-bajja taż-Żewwieqa u decking

7.1 Is-Sindku rrefera għas-sottomissjoni tal-permess tal-Mepa li saret mill-Perit Shawn Micallef sabiex isir *decking* fil-bajja taż-Żewwieqa. Sar qbil li peress li ż-żmien dieħel, minkejja li għad ma għandniex il-permess f'idejna, għandna noħorġu quotation għax-xogħol biex ma nitilfux żmien.

## 8.0 Hruġ tal-offerta tal-Knis tat-Toroq

8.1 Is-Segretarja rreferiet għal fatt li l-offerta tal-knis skadiet u għalhekk jinħtieġ li terġa toħroġ offerta mill-ġdid. Sar qbil li xhin nerġgħu noħorġu l-offerta ninkludu l-knis tal-Belvedere, Pjazza tad-Dehra, u Triq ix-Xatt l-Aħmar ħdejn ta' Dempsey. Sar qbil li l-kuntrattur għandu jintrabat b'roaster u li tintbgħat fid-djar biex il-pubbliku jkun infurmat.

8.1 Sar qbil li għandna niġbdu l-attenzjoni lill-kuntrattur li f'Cordina Street, ħdejn ta' Attard showrooms, ilu ma jitnaddaf.

## 9.0 Quotation għat-tisqija tas-soft areas

9.1 Sar qbil li għandna nerġgħu noħorġu mill-ġdid l-istima tat-tisqija ta' darba fil-ġimgħa fil-ġimgħat tas-sajf. Għandna nivverifikaw li l-ġonna u l-open spaces huma kollha nklużi.

## 10.0 Festa Kemuna

10.1 Is-Sindku rrefera għall-Festa ta' Kemuna li ser issir bejn is-19 u l-20 t'Awwissu. Kunsill wera x-xewqa li l-istatwa tal-Knisja ta' Kemuna li qegħda tiġi restawrata Għawdex u dwar il-possiblita' li jtellgħuha b'pellegrinaġġ minn Għajnsielem għal Kemuna. Ser issir zipline b'kontribuzzjzoni ghal Puttinu bhala wahda milll-attivitajiet . Tad-dghajjes ser jinghaqdu biex jagħmlu t-trips peress li t-trasport is-sena l-ohra kienet problema u konfużjoni. Sar qbil ukoll li bħala banda titellgħa l-banda ta' Għajnsielem. Il-Viċi Sindku kkonferma li l-Banda San Ġużepp aċċettat li ddoqq f'din il-festa.

## 11.0 Attivita' għall-anzjani – Healthy Evening

11.1 Sar qbil li fix-xhur tas-sajf għandna norganizzaw attivita' differenti għall-anzjani. Sar qbil li għandha ssir fil-grawnd tal-futbol u norganizzawha b'kollaborazzjoni man-nursery tal-football. Sar qbil li matulha għandu jingħata messaġġ dwar l-importanza tal-ezerċizzju u s-saħħa.

11.2 Sar qbil ukoll li għandha tiġi organizzata ħarġa għal-Fiera l-Kbira ta' Montekristo.

11.3 Sar qbil li għandna norganizzaw xi korsijiet għax-xhur tas-sajf u anke wara. Sar qbil li għandna norganizzaw korsijiet tal-compjuter, tisjir, quilting, pilates, hansa, u wkoll sezzjoni ta' reading sessions.

## 12.0 Tindif u Upkeep ta' wara l-Knisja

12.1 Is-Sindku rrefera ghat-talba li ghamlulu xi ndividwi li jiffrekwentaw il-gnien ta' wara l-knisja saibex dan jibda jitnaddaf mill-Kunsill. Is-Sindku spjega kif it-tindif ta' dan il-gnien kien isir mill-Kunsill u dan is-servizz twaqqaf wara l-kwistjoni li nqalghet bejn il-Kunsill u l-Knisja. Huwa jixtieq li nitolbu lill-Arcipriet jekk iridx li naghtu dan is-servizz, u kemm-il darba huwa jirrifjua, ghandna nippublikawha pubblikament biex il-poplu jkun infurmat. Huwa talab lill-kunsilliera li ghandna noffru l-id ta' ħbiberija u li jekk għandna l-possibilita' li nagħtu servizz ta' tindif għandna nagħmluh. Huwa semma' l-punt tiegħu hu li għandna bil-miktub li nistgħu nagħmlu x-xogħol liberament mingħajr ma nistennew l-ebda ftehim għall-ġid tal-komunita'. Dan kollu nqala' fuq li ġara fil-passat. Bħala Sindku huwa jhoss li għandu jistma lil kulħadd u jaħdem għal-għaqda ġara x'ġara fil-passat. Huwa saħaq li ma għandniex inħaltu l-affarijiet. Huwa qed jirreferi għat-tindif tan-naħa ta' wara tal-knisja fejn qed jiġi użat wkoll mill-pubbliku. Huwa saħaq li għandha tkun ċara li hu qed jgħid li bħala Kunsill nistgħu liberament nnadfu l-area u ma għandniex għalfejn noqgħodu nitolbu kuntratti u li jsir xi tip ta' private partnership għas-sempliċi raġuni biex nnaddfu post pubbliku.

12.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg staqsa min kien qed jieħdu ħsieb il-manutenzjoni ta' dan il-gnien, u jekk kienx id-Dipartiment tal-Agrikultura. Il-Vici Sindku Kevin Cauchi propona li f'dan l-istadju ghandha ssir talba lill-Arcipriet sabiex il-parocca izommu fi stat tajjeb ladarba dan jitqies bhala post privat. Hawnhekk qamet kwistjoni dwar jekk l-art hijiex wahda pubblika jew privat. Is-Sindku ghamel referenza ghall-ittra li l-Kunsill ghandu minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li nistghu nnaddfu l-pjazza bhala post pubbliku. Il-Kunsillier Pietru Caruana qal li huwa ma jistax jifhem kif id-Dipartiment ricentament taha l-kunsens li l-pjazza tista titnaddaf mill-Kunsill meta l-istess Dipartiment ftit ta' snin ilu ta struzzjonijiet lill-Kunsill biex ma jaghtix dan is-servizz ladarba din hija art privata.

12.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg qal li l-pozizzjoni tieghu fuq dan ir-rigward hija li l-Kunsill mhux biss ried inaddafha izda li jghamel il progett pero ghalkemm fil passat kien hemm diversi tentattivi biex jintlahaq ftehim sfortunatament dan ma wasalx. Huwa stqarr li ghalhekk f'dan l-istadju, jixtieq li ssir laqgha bejn il-kunsill u il-knisja u jinbdew diskusjoniet biex jinstab kompromess bejn iz-zewg partijiet u jsir pakkett wiehed mhux biss tat-tindif tal-gnien tan naha ta' wara tal-knisja imma tad-dawra kollha. Huwa semma' li dan jista jinbeda kif titlesta lewwel fazi tal-proġett tal-pjazza.Huwa rrefera ghal-fatt kif il-poplu Għajnslemiz huwa mdejjaq b'din is-sitwazjoni u ghalhekkk jinħtieġ li jinsab bilanċ bejn iż-żewg partijiet. Huwa semma' li jippretendi li la darba l-Kunsill ser jaghti servizz , l-istess Kunsill għandu jkollu dritt li jagħmel użu minnha biex itellgħa attivitajiet flimkien mal-għaqdiet l-oħra tar-raħal

12.4 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi saqsa min huma l-individwi li ghamlu din it-talba izda is-Sindku qal li ghandu dritt ma jsemmix ismijiet. Il-Vici Sindku qal li l-pozizzjoni tieghu fuq din il-kwistjoni hija li jekk hemmhekk qed jintqal li huwa proprjeta privata, jekk kemm il-darba ssir xi tip ta kollaborazzjoni mal-parrocca, din ghanda ssir fil-forma ta' public-private partnership fejn kollox isir bil-miktub. Dan ghandu jsir wara li l-parocca tipprezenta l-kuntratt tal-art bhalma sar fil-ftehim li l-Kunsill ghamel ma Ghajnsielem FC dwar l-uzu tal-grawnd. Il-Vici Sindku tenna li l-poplu t'Ghajnsielem jixraqlu jiehu lura l-Pjazza u l-uzu taghha. Huwa iccara li ma ghandu xejn kontra l-Parrocca izda fuq din il-kwistjoni jinsab ferm iddizpuntat ghal kif sehhew l-affarijiet fil-passat fir-rigward tal-progett tal-pjazza fejn il-parocca baqet tkaxkar saqaja ghal diversi snin u baqghet qatt ma lahqet ftehim mal-kunsill. Huwa stqarr li l-interess tieghu huwa biss li l-Pjazza u l-uzu taghha jkunu f'idejn il-poplu t'Ghajnsielem. Fl-ahhar huwa staqsa wkoll jekk hux possibli li l-Kunsill jakkwista kopja tal-ftehim li sar bejn il-Parrocca u l-Ministeru ghal Ghawdex biex naraw jekk fil-ftehim hemmx ukoll inkluz is-servizz tat-tindif.

12.5 Il-kunsilliera Karen Xuereb stqarret ukoll li hija tqis li jekk saret talba biex il-Kunsill inaddaf il-gnien ta' wara l-knisja jew il-pjazza, il-Kunsill ghandu jkollu dritt ghall-uzu ta' dan il-post minghajr kundizzjonijiet. Hija stqarret li tiltaqa'

ma' hafna nies irrabjati ghall-fatt li l-knisja cahhdet lill-Kunsill milli jwettaq progett bhal dak. Kieku il-pjazza ilha lesta ghal snin twal u mhux biss bil-konkrit kif inhi llum. Hija semmiet li taqbel mal-proposta ta' Larry li jekk jsir ftehim mal-parocca il-kunsill jrid jinghata certu drittijiet u mal-proposta tal-Vici Sindku li l-affarijiet jsiru bil-miktub.

**13.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

13.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

**14.0 Materji oħra**

14.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex ħdejn il-forn fil-Pjazza għandhom jinżebgħu Parking Bays f'forma ta' fishbone. Sar qbil li għandna nqabbdu surveyor biex jinżebgħu dawn.

14.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex jitneħħew żewġ parking areas fejn hemm iż-zebra crossing ħdejn il-Kazin tal-Banda. Huwa propona wkoll li l-motor cycles parking space isir wieħed quddiem il-każin u wieħed mill-parking bays jibda jintuża għall-muturi.

14.3 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa sabiex jitħawwlu xi shrubs fil-Belveder biex jimlew u jibqgħu sbieħ minn staġun għall-ieħor.

14.4 Is-Sindku rrefera għat-talba li għamillu s-Sindku tax-Xewkija Paul Azzopardi fejn talbu jekk il-Kunsill Għajnsielem hux lest li jittrasferixxi lill-ħaddiem tiegħu taħt l-iskema CIES għal mal-Kunsill Lokali Xewkija. Huwa semma' li rrisponda li ma jsibx oggezzjoni u li ghandu bzonn *replacement* tieghu biex il-Kunsill ma jigix penalizzat. Huwa semma' li fl-email tieghu ta spjegazzjoni tal-incident li nqala' bejniethom li hija r-raguni li għaliha dan ser jiġi trasferit. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li għandu jenfasizza sabiex tiġi aċċettata l-applikazzjoni taħt l-iskema CIES li għaliha applika is-Sur Josef Camilleri.

14.5 Is-Sindku rrefera għall-attivita' li nżammet fl-iskola biex titfakkar il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha u li għaliha huwa kien preżenti.

14.6 Il-Viċi Sindku rrefera għat-talba tar-rampa ta' Bajada fi Triq l-Imgarr. Sar qbil li li peress li mill-gate il-ġewwa huwa privat għandu jsir cement fuq in-naha ta' quddiem biss billi ssir rampa bil-kontra mill-ħaddiema tagħna.

14.7 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex issir tabella Keep Clear fi Triq Manoel de Vilhena peress li qed jingħalaq ċertu aċċess minħabba parkeġġ ħażin.

14.8 Il-Kunsillier Peter Caruana reġġgħa talab meta ser tinħareġ l-offerta tar-resurfacing ta' Triq Hamri u parti minn Triq Żewwieqa. Sar qbil li għandna noħorġu t-tender b'resurfacing ta' ħxuna ta' żewg pulzieri kemm jista jkun malajr.

14.9 Il-Kunsillier Caruana talab ukoll sabiex nerġgħu ntennu t-talba lill-MEPA biex nużaw il-grant imħallsa għall-permess tat-twaqqigħ tal-Mgarr Hotel biex permezz tagħha ssir resurfacing tat-triq peress li kaġun ta' din il-kostruzzjoni soffriet ħafna ħsarat. Is-Sindku semma' li għal din il-grant nistgħu nissottometttu talba globali għall-irranġar tal-bankini u embellishment tal-area.

14.10 Il-kunsillier Peter Caruana talab dwar il-possibilita' li ssir Bus Shelter fil-Pjazza ħdejn ta' Mawru. Huwa semma' li din il-materja ġiet diskussa kemm il-darba iżda l-bus shelter baqgħet ma saritx. Il-Kunsill qabel li issa hawn ħafna bus stops u diffiċli tidentifika fejn jeħtieġ li ssir waħda.

14.11 Saret referenza mis-Segretarja għal fatt li l-ħaddiem Pawlu Saliba qed jitlob ħlas għas-sigħat kollha extra li għamel għal Betlehem f'Għajnsielem, dawk ta' €130 siegħa. Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk kienx hemm ftehim bil-miktub iżda ġie kkonfermat li dan qatt ma sar. Huwa saħaq li darb'oħra għandu jsir ftehim minn qabel u jiġu rrekordjati fil-Kunsill in-numri tas-sighat *extra* biex jinżamm kontroll. Is-Sindku semma' li huwa ma jistax jinnega l-fatt li s-Sur Saliba dejjem insista għall-proġett Betlehem f'Għajnsielem iżda għandu d-dubju li għamel dawk il-ħinijiet kollha extra. F'dan l-istadju l-kunsill propona li jinsab bilanċ u jħallsu ta' 100 siegħa li bl-overtime rate tiegħu jammontaw ghal €600.

14.12 Sar qbil li lil dawk li servew ta' *judges* waqt il-Karnival ghandna ntuhom €20 kull wieħed.

14.13 Sar qbil li għandna nitolbu lill-Transport Malta sabiex jinżebgħu double yellow lines fil-parti d-dejqa ta' wara l-Grand Hotel.

14.14 Il-Viċi Sindku rrefera għall-importanza li tinżamm laqgħa tal-Kumitat Betlehem f'Għajnsielem kemm jista jkun malajr. Huwa rrefera għall-migja f'Għajnsielem ta' dawk li kienu nvoluti fl-inċident tal-*bridge* tal-presepju. Is-Sindku semma' li huwa ħass li wara li dawn setgħu ġabuna f'ħafna nkwiet, kien jixraq li npattulhom b'xi mod. Huwa semma' li huma apprezzaw ferm l-akkoljenza li wera magħhom il-Kunsill. Is-Sindku semma' li Betlehem f'Għajnsielem hemm bżonn li nsaħħuh u li jaqbel li ssir laqgħa tal-kumitat kemm jista jkun malajr biex jingħalqu r-rapporti u l-kontijiet.

14.15 Saret referenza għall-ilment ta' mbarazz fi Sqaq ta Cordina u ġie diskuss il-fatt jekk dan iridx jitnaddaf minn naħa tagħna jew jekk hux privat. Sar qbil li għandna niċċekjaw x'tip ta' skart hemm u kif ser nipproċedu dwaru.

14.16 Il-Viċi Sindku rrimarka għal fatt li qed jitħallew boroż ta' skart għal ġranet sħaħ fi Triq ix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li għandna nenfasizzaw mal-kuntrattur biex jinżel jiġborhom.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2016 fit-3:30 ta' wara nofsinhar.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**